**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 46/2022 AGV fl-ismijiet</u>**

**JF**

**vs**

**TF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' JF** li ppremettiet is-segwenti:-

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet, fit-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (23.12.2016) twieled tifel bl-isem ta' KF sussegwentement fl-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (01.01.2019) twieldet tifla bl-isem ta' AF
2. Illi permezz ta' Digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 10 ta' Jannar 2022 il-proceduri ta' medjazzjoni li kienu pendenti bejn il-partijiet gew maghluqa u l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b'din il-kawza.

3. Illi permezz ta' Digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 1 ta' Novembru 2021 iffissat *pendente lite* r-retta alimentari fis-somma ta' €400 fix-xahar ghaz-zewg minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni, u dan b'effett mill-1 ta' Novembru, 2021.

**A. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex:-

1. Jigu stabbiliti il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kura u l-kustodja, access u manteniment relatati mat-trobbija tal-ulied minuri tal-partijiet.

**B. TALBIET ATTRICI**

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut ighid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex : -

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli bhala l-missier sabiex jivversa retta alimentari versu l-ulied minuri tal-partijiet KF u A F li twieldu fit-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (23.12.2016) u fl-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (01.01.2019).

2. Tiffissa r-retta alimentari ghall-ulied minuri tal-partijiet pagabbli mill-konvenut lill-attrici u tikkundanna wkoll lill-konvenut illi ihallas l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri sa meta dawn jilhqu l-eta` maggorenni jew sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena f'kaz illi l-minuri jew min minnhom ikomplu bl-istudji taghhom wara li jilhqu l-eta` maggorenni.

3. Tiddikjara li l-ulied minuri KF u AF ghandhom jirresjedu mal-attrici u tiffissa l-access favur ir-rikorrenti ta' l-istess minuri.

4. Taghti kull ordni u provediment iehor opportun.

**Bl-ispejjez, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta guramentata** ta' **TF li eccepixxa s-segwenti :-**

1. Illi ghar-rigward **tal-ewwel u t-tieni talba tal-attrici**, jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat l-1 ta' Novembru tas-sena 2021 fl-atti tal-medjazzjoni numru 1257/20 fl-ismijiet inversi gia' iffissat r-retta alimentari illi l-esponenti ghandu jivversa bhala manteniment ghall-uliedu, u cioe' s-somma ta' erba' mitt ewro kull xahar, liema somma tinkludi s-sehem tal-missier ta' nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Tali digriet ghandu jigi kkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ghal ragunijiet elenkati f'din ir-Risposta Guramentata, liema ragunijiet se jigu kkonfermati tul il-proceduri odjerni.

2. Illi ghar-rigward tat-**tielet talba**, din ghandha tigi michuda stante illi anke r-residenza tal-minuri K  u AF  gia' giet stabbilita permezz ta' Verbal ta' din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, senjatament permezz ta' **ftehim** tal-partijiet illi gie vverbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021, fl-atti tal-medjazzjoni numru 1257/2020 fl-ismijiet inversi, kif jirrizulta mill-kopja tal-Verbal anness u mmarkat **Dok A**. Il-Minuri jkunu fil-kura tal-Missier kull meta huwa jkun Rest u Off, bi *sleepovers* kemm matul il-gimgha kif ukoll fi tmiem il-gimgha, sabiex gimgha minnhom il-Minuri jkunu tlett ijiem shah (bl-iljieli) fil-kura tal-Missier, filwaqt li l-gimgha ta' wara l-Minuri jkunu fil-kura tal-Missier ghal erbat ijiem shah (bl-iljieli) u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida li r-residenza tal-Minuri tkun mal-Omm, peress li effetivament il-Minuri jghixu fir-residenza taz-zewg genuturi taghhom. Ghaldaqstant, it-tielet talba kif dedotta ghandha tigi michuda, u l-ftehim tal-partijiet illi gie vverbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021 ghandu jigi ikkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza finali.

3. Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn din ir-risposta tieghu sabiex jipprezenta kontro-talba tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez tal-istanti u tal-proceduri tal-medjazzjoni kontra l-attrici, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-**<u>KONTRO-TALBA</u>** tal-intimat TF li ppremetta s-segwenti :-

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, twieldu il-minuri KF nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u AF nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019).

2. Illi minkejja li l-partijiet gia' kellhom proceduri ta' medjazzjoni, senjatament proceduri ta' medjazzjoni fl-ismijiet ***TF vs J F ,*** liema proceduri ta' medjazzjoni igibu n-numru 1257/2021AGV l-aspetti koncernanti il-minuri K u AF qatt ma gew stabbiliti b'mod definit b'sentenza jew kuntratt pubbliku.

3. Illi tul il-medjazzjoni hawn fuq imsemmija, il-partijiet gia' kienu ftehmu dwar ir-residenza tal-Minuri, u dana kif vverbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021, fejn il-Partijiet qablu illi l-Minuri K u A ghandhom ikunu fil-kura tal-Missier "kull meta huwa jkun *off* billi jigborhom mill-iskola jew jekk ma jkunux skola, fl-10:00hrs mid-dar tal-omm u jzommhom sal-ghada, iwassalhom l-iskola, u jekk ma jkunux skola sas-18:00hrs. Meta l-missier ikun *off* , jigborhom mill-iskola u se jzommhom sas-18:00hrs ta' dak inhar. Jekk il-missier ikun off , imma t-tfal ma jkunux skola ,

jigborhom fl-10:00hrs mir-residenza tal-omm.” Dan l-arrangament ghadu jigi mhaddan sal-lum, u l-esponenti jemmen li huwa fl-ahjar interess tal-ulied jekk tali ftehim ikun kkonfermat permezz tas-sentenza finali.

4. Illi in oltre, l-Onorabbli Qorti tal-Familja permzz ta’ digriet datat l-1 ta’ Novembru 2021 iffisat *pendente lite* r-retta alimentari fis-somma ta’ erba’ mitt (400) ewro fix-xahar ghaz-zewg minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta’ sahha u edukazzjoni.

5. Illi l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b’din il-kawza, permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-ghaxra (10) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi jogghobha:-

1. Tafda is-setgha esklussiva ta’ genitur tal-minuri KF u AF f’idejn iz-zewg partijiet.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri KF u A F konguntivament f’idejn z-zewg partijiet.

3. Tordna illi d-decizjonijiet kollha, kemm dawk ta’ natura ordinarja kif ukoll dawk ta’ natura straordinarja rigwardanti it-trobbija, sahha, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri kif ukoll dawk id-decizjonijiet rigward domicilju, safar u hrug u tigdid ta’ passaport tal-

minuri KF u AF jittiehdu mill-partijiet b'mod kongunt, u dana bil-htiega tal-firma taz-zewg partijiet.

4. Tordna illi r-residenza tal-minuri KF u AF ghandha tkun maz-zewg genituri, kif maqbul u vverbalizzat bejn il-Partijiet fil-Verbal ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-medjazzjoni numru 1257/2020, fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2021, filwaqt li din l-Onorabbli Qorti tipprovdi dwar gheluq snin ir-rikorrent, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid, tal-Karnival u tal-Milied.

5. F'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax ir-raba' talba, tiffissa granet u hinijiet t'access ampju, inkluz *sleepovers,* illi l-Missier ghandu jkollu versu uliedu minuri, inkluz provvediment dwar gheluq snin ir-rikorrent, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid, tal-Karnival u tal-Milied.

6. Tilikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri, skont il-mezzi tal-Missier u l-bzonnijiet tal-minuri, tikkonferma d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-ewwel (1) ta' Novembru 2021 u tiddeciedi illi l-istess ghandu jibqa' jigi vversat favur l-attrici rikonvenuta sakemm l-istess minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18) -il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full time*, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi *full time,* inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.

7. F'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax ir-raba' u s-sitt talba, u jkun hemm cirkostanzi illi jimmeritaw illi l-hlas ta' manteniment ikun dovut mill-attrici rikonvenuta versu l-intimat rikonvenut, din l-Onorabbli Qorti

ghandha tiffissa manteniment skont il-mezzi u l-qliegh tal-attrici rikonvenuta, u l-bzonnijiet tal-minuri.

8. Tordna illi kull beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali fir-rigward tal-Minuri tkun pagabbli lil dik il-Parti li mieghu/maghha l-minuri se jkunu qed jirrisjedu.

9. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri K u AF

**Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta ingunta minn issa stess in subizzjoni.**

**Rat ir- RISPOSTA GURAMENTATA tar-rikonvenzjonata JF ghall-kontro talba tal-konvenut rikonvenjenti, li eccepiet is-segwenti:-**

1. **Illi fil-mertu b'referenza ghall-ewwel (1) u t-tieni talba,** tal-intimat rikonvenzjonant, r-rikonvenzjonata tisottometti illi hija ma topponiex ghall-istess.

2. Illi b'referenza ghat-**tielet talba tal-intimat rikonvenzjonant, r-rikonvenuta umilment tisottometti li ma topponiex in parte stante li m'ghandiex oggezzjoni ghat-talba** li decizjonijiet rigward domicilju, safar u hrug, attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri u tigdid ta' passaport tal-minuri KF u AF jittiehdu mill-partijiet b'mod kongunt u bil-htiega tal-firma taz-zewg partijiet salv li f'kaz ta' dizgwid

din l-Onorabbli Qorti jkollha s-setgha li tiddeciedi. In oltre pero' hemm oggezzjoni li decizjonijiet kemm ta' natura ordinarja u straordinarja rigwardanti t-trobbija, sahha, edukazzjoni, u dana billi r-residenza ordinarja tal-minuri kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem hija ma' rikonvenuta u ghaldaqstant mhuwiex fl-interess tal-minuri li materji ta' natura ordinarja jehtiegu l-kunsens tal-intimat rikonvenzjonant. Kif ser jirrizulta ukoll waqt is-smiegh tal-kawza l-intimat rikonvenzjonant ghandu l-attitudni li fejn tidhol is-sahha tal-minuri specjalment tal-minuri K huwa jkun irid li jaghmel uzu tas-servizz li jinghataw b'xejn mill-istat u mhuwiex dispost li jhallas ghal servizzi privati anke jekk sabiex jinghataw b'xejn il-minuri rrid jistenna ghal tul ta' zmien u ghalhekk hemm dizgwid kontinwu ghaliex ir-rikonvenuta thoss illi jekk il-htigijiet jigu indirizzati mill-ewwel anke jekk bi hlas u b'sagrificcju finanzjarju kbir ghaliha fl-interessi tal-minuri lesta li taghmel dan. Dan oltre l-fatt li minkejja li hemm rapporti cari li l-minuri K jehtieg l-ghajnuna l-intimat rikonvenzjonant jsostni li l-minuri m'ghandu l-ebda problema u hija r-rikonvenuta li tehtieg l-ghajnuna ta' *physcologist*.

3. Illi b'referenza **ghar-raba' talba tal-intimat rikonvenzjonant, r-rikonvenuta tissottometti** li ghalkemm hemm ftehim kif imsemmi mill-intimat rikonvenzjonant fit-talba tieghu, huwa l-istess intimat rikonvenzjonant li jikser l-istess ftehim skond kif jaqbel l-interessi egoistici tieghu hekk li per ezempju ddecieda minghajr biss informa jew ikkonsulta mar-rikonvenuta u siefer barra minn Malta ghal gost tieghu u ma acceddiex ghall-minuri fil-granet miftehma filwaqt li meta r-rikonvenuta talbet lill-intimat rikonvenzjonant sabiex it-tfal jibqghu mieghu minhabba intervent mediku li kellha l-isptar huwa rrifjuta tant li kienet omm r-rikonvenuta li zammet u hadet hsieb il-minuri ghaliex skond l-intimat rikonvenzjonant omm ir-rikonvenuta ghandha zzomm

it-tfal meta l-genituri ma jistghux. Oltre minn hekk f'kaz illi r-rikonvenuta jkollha ssiefer fuq xoghol l-istess intimat rikonvenzjonant ma jaccettax li jzomm il-minuri, ghaliex huwa ghajjur ghall-istess rikonvenuta, u ghalhekk kellha anke thassar l-impenji taghha barra minn Malta. In oltre dwar il-hinijiet ta' access f'gheluq snin il-minuri r-rikonvenuta qed tissottometti l-posizzjoni taghha fir-risposta b'referenza ghall-hames talba.

4. Illi b'referenza **ghall-hames talba tal-intimat rikonvenzjonant, r-rikonvenuta tissottometti ma topponiex** li tkun din l-Onorabbli Qorti li tiddeciedi dwar il-hinijiet ta' access dwar gheluq snin il-minuri tenut kont illi d-data ta' twelid taghhom huma 23 ta' Dicembru u l-1 ta' Jannar rispettivament u ghalhekk fil-perjodi ta' festi natalizji tant li l-proposti maghmula mir-rikonvenuta fl-abbozz ta' ftehim kienu jiehdu in konsiderazzjoni tqassim gust u ekwu kemm ghall-gheluq snin il-minuri u anke t-tgawdija ma' l-istess minuri miz-zewg genituri b'mod gust u ekwu.

5. Illi b'referenza **ghas-sitt talba tal-intimat rikonvenzjonant, r-rikonvenuta topponi** li l-manteniment ghandu jkun fl-ammont moghti fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fl-1 ta' Novembru 2021 u dana stante li din l-Onorabbli Qorti meta giet biex tikkonsidra l-ammont giet sgwidata mill-intimat rikonvenzjonant li ddikjara li jhallas ghal xi spejjez b'mod regolari ghall-minuri meta mhuwiex il-kaz u kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza l-intimat rikonvenzjonant tant jitqammel ma' uliedu stess sabiex jiffranka li jhallas spejjez li l-minuri jkunu jehtiegu.

6. Illi b'referenza **ghas-seba' talba tal-intimat rikonvenzjonant, ir-rikonvenuta topponi** stante li l-minuri ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza ghandhom ir-residenza ordinarja taghha mar-rikonvenuta u m'hemmx ragunijiet sufficjenti skond il-ligi li dan ghandu jinbidel u ghaldaqstant hija l-istess rikonvenuta li taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghhom.

7. Illi b'referenza **ghat-tmien talba tal-intimat rikonvenzjonant, ir-rikonvenuta ma topponix.**

8. Illi r-rikorrenti rikonvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, hekk kif permessi skond il-ligi, u bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi migjuba mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attrici tispjega li r-relazzjoni taghhom damet sitt snin u minn dina r-

relazzjoni kellhom zewgt itfal K u A.

Ittenni li r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret wara li welldet it-tieni wild u dan minhabba li kemm hi kif ukoll il-konvenut kienu jahdmu full-time u kienet qed issibha difficli peress li l-konvenut kien jahdem l-iktar barra minn Malta u kien jigi tlett ijiem kull gimgha lura Malta peress li kien jahdem mal-ajruplani.

Izzid tghid li wara li harget mill-isptar wara t-twelid il-konvenut kellu jerga' jitlaq barra minn Malta u ghalhekk hasset il-htiega li tmur tghix mal-ġenituri taghha peress li kellha bzonn l-ghajnuna biex tfiq fizikament wara t-twelid.

In kontro-ezami l-attrici tikkonferma li kien hemm perjodu ftit qabel il-Covid fejn il-kumpanija fejn kien jahdem il-konvenut kienu tterminawlu l-impjieg u kienu raw id-diversi opportunitajiet li kien hemm. Kien hemm offerta biex jerga' jmur jahdem barra minn Malta, izda kien ser ikun iktar barra milli hawn u m'accettatx. Imbaghad accetta li jahdem mal-Lufthansa Teknink hawn Malta b'inqas paga.

Pero' kienet regghet irritornat lura d-dar mal-konvenut peress li baqa' jinsisti u kien kuntent u ferhan biss meta kienet tghaddi tieghu.

Minhabba l-ispejjez xtaqet tkompli tahdem u kellha iktar bzonn tal-ghajnuna tal-konvenut. Ghalkemm kien ighin biex iwassal u jigbor it-tfal, ma tantx kien jipprova ihejji *bond* mal-minuri A u kienet tasal id-dar issibha tibki hafna. Inoltre, K kellu kundizzjoni li l-konvenut ma riedx igharraf peress li kien ghadu zghir u ma setax jigi ddijagnostikat.

Meta kkancellaw it-tieg minhabba l-Covid, il-konvenut kien accetta li jmorru

jghixu ghand ommha peress li kien difficli ghaliha biex tlahhaq bix-xoghol *full-time,* kif ukoll trabbi zewgt itfal. Ghand ommha setghet zzomm ir-rutina tat-tfal, izda meta marret tghix mal-konvenut kien difficli ghaliex il-konvenut kien ipoggi l-interessi l-ewwel u qabel kollox.

L-attrici tispjega li kienet qed thoss li r-relazzjoni taghhom kienet qed titkisser peress li minkejja kemm il-darba ppruvat tkellem lill-konvenut sabiex ikollhom pjan ta' kif setghu jinqassmu biex jiehdu hsieb it-tfal, ried dejjem li tghaddi tieghu  u kien ighidilha li ma kienx ihossu komdu jghinha la darba kienu jghixu mal-genituri taghha u kellha l-ghajnuna taghhom.

Il-konvenut kien beda jiinsisti li ghandhom imorru jghixu lura fil-post taghhom, izda l-attrici tghid li ma kinitx disposta taghmel hekk diment li l-konvenut kien ser iwieghdha li ser ighinha. Tghid ukoll li l-konvenut beda jallega mal-familjari taghha li kellha bzonn tikkura ruhha u dan minhabba li kellha "bipolar depression" jew "post-natal depression" u li kienet tapprofitta ruhha minn ommha u tmur tahdem *full-time*.

**<u>K</u>**

Dwar it-tifel K li ghandu seba' snin tispjega li minn eta' zghira, beda juri li ghandu bzonn ta' attenzjoni specjali. Ghall-bidu ma kinux certi jekk kienx ibati minn awtizmu jew minn ADHD. Ghall-konvenut it-tifel minuri ma kellu xejn u kien ighajjarha li kien ikollu genn tal-mohh taghha.[1] F'Novembru 2022

[1] Stampa 64

it-tifel gie ddjanjoizzat b'ADHD minn Dr.Ian Meli Azzopardi.

Wara l-Covid meta nghataw l-ghazla li jibghatu lit-tfal lura l-iskola kienu ddecidew li jibghatu lil K u ftit wara l-iskola kienu nfurmawhom li t-tifel kien qed ikollu problemi ta' komunikazzjoni mal-ghalliema, li ma bdietx tifhmu.[2] Dina kienet raguni ohra ghaliex ma riditx li t-tifel ikollu s*leepovers* ma' missieru.

Minhabba li rrizulta li l-minuri kellu bzonn ta' speech therapists, occuptional therapists, psychologists u LSA, ma qablux fuq kollox, ghaliex l-attrici riedet li tmur ghand dawn il-professjonijiet privatament minhabba li tal-Gvern generalment jibghatu ghalihom fil-hinijiet tal-iskola u ma xtaqitx itteliflu l-iskola. Il-konvenut baqa' jinsisti li riedha tiehdu ghand tal-Gvern, izda rrifjutat u baqghet thallas dawn il-professjonisti hi stess.[3]

Tghid li spjegat lill-konvenut li sabiex it-tifel minuri jkollu LSA kellu bzonn educational psychologist. Accetta li jkun hemm LSA ghall-minuri, izda mhux psychologist.

Izzid tghid li meta l-minuri kien ikollu xi *tantrum* jew bidla fl-imgieba tieghu mhux daqshekk normali, kienet tinforma lill-konvenut u kienet titolbu sabiex jikkomunika mat-tabiba Dr. Ian Azzopardi Meli. Il-konvneut kien jirraguna li dan l-agir tal-minuri kien minhabba li kellu bzonn figura maskili fil-presenza tieghu u li kellhom imorru ghat-terapija tal-familja. Accettat li tmur peress li l-konvenut kien qalilha li dina kienet ser tkun sezzjoni biex ighinu lit-tifel.

[22] Stampa 99
[3] Stampa 13

L-attrici zzid tghid ukoll li maz-zmien il-problemi tal-minuri l-iskola zdiedu u l-ghalliema kienet ikkuntatjatha sabiex tghidilha li l-minuri kien jinfaqa' jibki l-iskola izda ma kienx jaf ighidilha ghalfejn.[4]

L-iskola ssuggerit li l-minuri jibda bil-play therapy, izda dan ma kienx provdut mill-CDAU u kellhom jibdew il-process ghal-LSA. Kien hawn li l-konvenut accetta li t-tifel jarah psikologu, izda ma kienx dispost li jhallas ghall-play therapist. Meta waqt il-Parents Day, l-ghalliema nfurmathom li l-minuri ghandu problemi ta' komunikazzjoni u ghandu bzonn terapija tad-diskors, il-konvenut insista li ghandha terga' tirrikorri ghall-ghajnuna mill-Gvern.[5]

F'Marzu, 2021, it-tfal kellhom jaghmlu kwarantina mal-attrici u kien difficli ghall-minuri sabiex isegwi l-lezzjonijiet onlajn u beda jiffrustra ruhu u kien anke gieli gidimha. Meta kienet titkellem mal-konvenut dwar dawn il-problemi kien ighidilha li l-imgieba tal-minuri kien normali peress li l-lezzjonijiet kellhom isiru onlajn.

Wara Parents Day tas-sena 2022, l-ghalliema kienet infurmatha li kienet imhassab dwar l-imgieba socjali tal-minuri waqt il-hinijiet tal-brejk u jehtieg li jkun issorveljat il-hin kollu. Kienet avzat lill-konvenut li kienet tkellmet mal-occuptional therapist tal-minuri u ftehmu li kellha tmur l-iskola biex timmonitorja lill-minuri.

F'Dicembru, 2021 kellhom l-ewwel laqgha mal-LSA tal-minuri u l-iskola tat-tifel u minkejja li bdew jinsistu li l-minuri kellu bzonn ghajnuna specjalment socjali u ghad-diskors, il-konvenut baqa' jinsisti li l-minuri kien ghadu zghir

[4] Stampa 26
[5] Stampa 41 u Ms. Vanessa School Report.

u kien ghad ghandu bzonn jizviluppa.

L-attrici tispjega li l-minuri kellu bzonn l-ghajununa u ma kinitx disposta li toqghod tistenna biex tiehu hsieb il-kura tieghu. Ghalhekk kienet haditu minn kmieni f'Awissu, 2019 kemm ic-CDAU kif ukoll il-Praxis Children Therapy Centre (illum maghluq) biex jaghmlu l-assessjar. Tghid li l-assessment tas-CDAU kien ighid li kien ghadu kmieni sabiex it-tifel jigi dijanjostikat b'awtizmu jew ADHD.[6]

It-terapista tal-Praxis Centre kienet qablet perfettament mal-assessjar tas-CDAU pero' kkonfermat li setghu jibdew bit-terapija sabiex ighinuh ilahhaq mal-htigijiet ta' kuljum. Kien ovja li l-minuri kellu problemi ta' komunikazzjoni u ma kinux jistghu jiftiehmu u bhala konsegwenza kien jiffrutra ruhu u jaghmel *tantrum* ta' ghajjat, storbju, ghajjat u biki.

L-ewwel valutazzjoni tal-minuri K mal-psychologist edukattiv kienet saret fit-22 ta' Dicembru, 2020 u tghid li l-konvenut ma kienx hallas ghal dawn l-ispejjes li kienu jammontaw ghal 120 Euros.

Wara ftit appuntamenti, Ms.Tivona, l-play therapist, kienet issuggerit li l-minuri ghandu jigi mmonitorjat u jkompli jiehu t-terapija biex jigi ddeterminat jekk ghandux l-awtizmu u emfasizzat li ghandu jahdem fuq l-occupational therapy u speech therapy ghaliex il-play therapy ma kinitx ser tghinu f'dan l-istadju. L-istess Tivona kienet rrapportat li kien importanti ghall-minuri li jinzamm f'rutina, "***with continuous preparation in the form of a visual schedule.***" Meta l-konvenut ra r-rapport insista li ma jaqbilx mieghu, ghax irrispettivament minn dak li kien hemm miktub fih, ried li jkun hemm

[6] Ara rapport tas-CDAU

sleepovers.

Fil-31 ta' Jannar, tghid li kienet irceviet telefonata minghand Ms.Tivona li kienet infurmatha li kellha tbiddel il-verzjoni taghha fir-rapport u dan wara li kien ikkomunika maghha l-konvenut.[7]

L-Occupational Therapist tal-minuri kienet bghatitilhom rapport fuq l-informazzjoni li gabret minn meta marret izzur l-iskola u bghatitu ukoll l-iskola fejn principalment riedet li l-ghalliema jiffokaw fuq li jaghtu struzzjonijiet specifici, struttura u regoli ghandhom jintuzaw mal-minuri.[8]

Sadanittant kien qed jinqalghu problemi mal-minuri l-iskola ma' shabu u dan peress li l-problemi ta' nuqqas ta' komunikazzjoni wasluh sabiex jimita dak li jaghmel jew ghamel haddiehor. Tghid li mal-iskola gie diskuss li dan jigri mhux ghax il-minuri ghandu problema ta' mgieba, imma forsi l-fatt li hu b'sahhtu u mghaggel jista' jdejjaq lil shabu.[9]

Meta kienet tipprova titkellem mal-konvenut kien ighidilha li kienet haga normali li jiggieldu bejniehtom u kellha tevita taqla' *hassles* zejda.

Il-konvenut beda jinsisti ghal darb'ohra li l-minuri ma kellu xejn u kien jirreagixxi hekk maghha u mhux mieghu. Baqa' ma setax jifhem li ibnu ghandu problemi u dan anke wara li kienet haditu party ta' wahda studenta fil-klassi mieghu u hemm indunat li kulhadd kien warrbu u l-istess studenti kienu marru fuqha u qalulha li ma ridhux peress li kien jilghab goff u li ma jifhmux meta jkellimhom u ghalhekk kien jirritahom. Kien biss meta l-konvenut

---

7 Rapport addendum Ms.Tivona 2
8 Report Sensory Motor Kayne - Padovan
9 School visit report

esperjenza dina l-istess sitwazzjoni sena wara, li ammetta li kien hemm problema, izda madanakollu meta kienet avzatu li 22 ta' Settembru, il-minuri kien ser jigi ttestjat ghall-ADHD u kien importanti li jkun hemm, ma marx. [10]

Il-problemi tal-minuri bdew jizdiedu iktar, jekk kien jirrabja u jtih *tantrum* kien iweggahha. Kien anke goff ma' ohtu u l-istess minuri kien irid lill-attrici mieghu kemm jekk kien jattendi l-isports jew id-duttrina.

Tispjega ukoll li apparti dawn il-problemi, il-konvenut kien beda relazzjoni ma' mara ohra u gieli kien jiehu lit-tfal jorqdu ghandha meta dan ma kienx tajjeb ghat-tifel minuri.

F'Novembru, 2022 it-tifel minuri kien ghamel l-ewwel sessjoni ta' auditory processing u kien mar tajjeb.

**A**

Dwar it-tifla A, l-attrici tghid li hija tifla li tibki hafna u mal-konvenut ghadhom ma rnexxilhomx jinstawraw relazzjoni tajba. L-attrici ppruvat tispjega lill-konvenut li ghandu bzonn hafna pacenzja biex joqghod maghha u kien jaqbel maghha u kien dispost li jaghmel hiltu.[11]

Sadanittant illum jinsisti li ghandu relazzjoni tajba ma' uliedu u jakkuza lill-attrici li hi ppruvat tbieghed lit-tfal minnu.

Tghid li iktar m'ghadda z-zmien, iktar beda jisfidaha u beda jmur kontra l-opinjoni taghha u anke beda jippika bhalma kien imur jigbor lit-tfal qabel il-hin minghajr ma jghidilha.

---

[10] Stampa 92
[11] Stampa 2

**Ghajnuna Finanzjarja**

L-attrici tikkonferma li hi u l-konvenut kienu ftehmu li l-konvenut ighaddilha s-somma ta' €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, filwaqt li jaqsmu l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Maz-zmien ta' wara l-Covid, il-konvenut beda jsib l-iskuzi li kellu problemi finanzjarji  u kien beda jsib kull skuza sabiex ma jikkontribwix ghall-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha. Kien baqa' jhallas l-ammont ta' €300 sa Novembru, 2021 u kien qalilha li kien qed jagixxi fuq istruzzjonijiet tal-avukat tieghu. Madanakollu, l-attrici tghid li xorta xtara BMX X 5. In kontro-ezami tikkonferma li l-paga tal-konvenut fi zmien il-Covid kienet ta' cirka €800 fix-xahar u l-BMW xtraha wara li kien biddel xogholu u beda jahdem ma' De La Rue.

Fl-1 ta Novembru, 2021 kien inhareg digriet tal-Qorti fejn gie ordnat ihallas is-somma ta' €400 fix-xahar, liema ammont kien jinkludi fih ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Kien hemm okkazzjonijiet, fejn il-konvenut kien mar jixtri l-medicini ghat-tfal u lill-attrici bghatilha li kien ser inaqqas l-ispejjes mill-manteniment dovut lilha.

**Sahha u Edukazzjoni**

Minn meta kien zghir, K mill-ewwel beda juri li ghandu problemi li kienu jahsbu li kien awtizmu u kellu bzonn *monitoring*. Kien ikollu hafna t*antrums* mhux normali. Tul dan iz-zmien li nfirdu, il-konvenut kien jaqbel mal-attrici li t-tfal ma jkollhomx *sleepovers* ghandu kemm il-darba jkunu ma jifilhux.

L-attrici tghid li minn mindu nfirdu dejjem zammet lill-konvenut aggornat jekk it-tfal kienu morda jew wegghu.

Sa Novembru, 2020, tghid li l-konvenut kien jikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjes tas-sahha, izda ma tantx kien jinteressah jattendi ghall-appuntamenti medici minkejja li tkun avzatu. Tghid ukoll li l-konvenut kien jippretendi li tehodhom ghand tabib il-polyclinic jew Mater Dei peress li kienet tehodhom privatament ghand il-Profs. Victor Grech u kien jahseb li jzomm gholi (€30).

L-attrici ssemmi ukoll li ghalkemm kienet tavza lill-konvenut bil-laqghat tal-iskola qatt ma kien jattendi jew jidhol online tramite Teams, izda wara li fethet il-kawza, il-konvenut beda jidhol onlajn.

L-attrici tinsisti li l-konvenut kien dejjem ipoggi l-interessi tieghu anke in kwantu jirrigwarda l-affarijiet relatati mal-iskola. Gieli kien ikun hemm okkazzjonijiet fejn kien ikollhom bzonn jiffirmaw xi formula tal-iskola u kienet tikkumbatti sabiex issibu u jiffirmalha.

Kien anke ma jaghtix kaz u jevita li jhallas tabiba anke meta t-tfal kienu morda, bhal meta kienet mardet A u kellha l-*hand, foot and mouth disease* u ma ddenjax jehodha biex jinviztaha tabib u kienet imtliet raxx. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn it-tfal kellhom deni qawwija u l-konvenut ma riedx jisma' u riedhom ghandhom ghax kellu l-access. Peress li l-attrici baqghet tinsisti li ma riditx taghtihomlu sakemm gabet it-tabib u hadet parir minghandu, kien mar jaghmel rapport. Wara li gie t-tabib tkellem mal-konvenut u rrakkomanda li t-tfal tant kienu morda li kellhom jibqghu d-dar u f'izolament sakemm sar it-test tal-Covid u li ghalhekk kellu jirtira r-rapport. Fil-fatt, imbaghad il-konvenut sema' mit-tabib.

Bdiet tara ftit ta' differenza fil-konvenut wara li fethet il-kawza fl-2022 u ghall-ewwel darba kien ha lit-tifla ghand it-tabib, izda dan ma damx li rega'

beda juri nuqqas ta' responsabbilita' fil-konfront tal-mard tat-tfal.

**<u>Ilbies</u>**

L-attrici tghid li sakemm fethet il-proceduri tal-Qorti, hija kienet hafna drabi tixtri l-hwejjeg ghat-tfal u kienet tibghat ritratti ta' dak li tkun xtrat lill-konvenut sabiex ihallas sehemhu.

Kien jispicca hafna drabi jzomm il-hwejjeg li kienet tixtri hi u li jkunu libsu t-tfal biex marru ghandu u jkollha titlobhom lura, Meta wara li fethet il-kawza beda jixtri xi hwejjeg hu, kien jitlobhomlha mill-ewwel.

**<u>Ir-relazzjoni taghha mal-konvenut</u>**

L-attrici tghid li kienet tiehu qatgha' meta kien ikollha titkellem mal-konvenut dwar it-tfal. Kien konvint li t-tfal kienu iktar kuntenti mieghu milli maghha. Kien jikkontendi li l-attrici ma kinitix verament tahdem ghaliex kienet tahdem bit-*teleworking* u minflok kien ighajjarha li ommha kienet qed trabbilha lit-tfal.

Kien jinsisti li ma kinux komdi ghand ommha, filwaqt li hu kien ighix wahdu u t-tfal kellhom il-kmamar tas-sodda taghhom u ghalhekk kellhom il-privatezza.

Kien jibghatilha vidjos tat-tfal fejn kienu ighidulu li ma jridux imorru lura ghandha u f'dan is-sens kienet indunat li kien qed jimmanipula lit-tfal.

Tispjega li l-konvenut kien jipprova jabbuza minnha mentalment u emozzjonalment billi jghajjarha *narcisisst* u li ghandha xi problemi psikologici peress meta kienet izghar kellha problema ta' bulimia. Kien jaf li dina l-parti ta' hajjitha kienet sensittiva, izda baqa' ghaddej ighid li kienet qed

igennen lit-tfal u li ma kienx minnu li K  kellu l-problemi.

**Decizjonijiet generali u qbil fuq it-tfal/htigijiet tat-tfal**

L-attrici tispjega li kienu jaqblu fuq certi affarijiet rigwardanti t-tfal u dan li ma jurux stampi ta' uliedhom fuq il-media socjali, izda mbaghad f'hin minnhom il-konvenut beda jaghmel dak li ried u beda jpoggi ritratti taghhom.

Tghid ukoll li l-konvenut kien jiehu partikolarment lit-tifel ghall-appuntamenti meta jkunu mieghu, izda hafna drabi jkollha tfakkru peress li kien irresponsabbli u kien jinsa. Ghal dawn l-appuntamenti kienet tkun gia' mhallsa l-mizata.

Bhala vendikazzjoni, il-konvenut ma kienx jaghmel il-*homework* mat-tfal meta kien imisshom ghandu fil-*weekends* u kienu jigu lura l-Hadd u ghad iridu jibdew il-*homework* jew jistudjaw. Kienu anke ftehmu li jaghmlu r-r*evision* fis-sajf ma' K , izda xorta wahda l-konvenut ma zammx kellmtu u li kieku ma kinitx insistiet hi ma kien isir xejn.

Dwar l-attivitajiet extra-kurrikulari, l-attrici tghid li l-konvenut dejjem isib oggezzjoni peress li ma jkunx irid ihallas il-mizati, pero' kienet insistiet li bih jew minghajru kienet ser thallas hi. Pero' ma damux ghax it-tifel ma riedx joqghod.

**Hin mat-Tfal u Sleepovers**

Minn Ottubru 2020, it-tfal kienu ghadhom qed jidraw ir-rutina tas-separazzjoni u l-konvenut ma riedx jisma' minnha li specjalment it-tifla kien lanqas ghad ghandha sentejn u kienet zghira ghal *sleepovers*. Il-konvenut baqa' jinsisti li ghandhom jorqdu ghandu. L-attrici ppruvat tispjegalu li ma kinitx qed tghidlu le imma kellhom jimxu pass pass u ghadha pitghada jaraw.

Ghalhekk il-konvenut beda jsib l-iskuzi u darba meta t-tifla kienet ghandu qal li ma tiflahx u ma hax it-tfal lura ghand l-attrici fil-hin u zammhom *sleepover*.

Imbaghad wara li gara dan beda jilmenta fuq il-hin tal-access. Peress li l-Qorti kienet ordnat li ghandu jigbor it-tfal fl-10 am u jirritornahom fis-6 pm, basta tghaddi tieghu insista li jigborhom fil-11 am u jirritornahom fis- 7 pm.

L-attrici uriet ukoll kif hi dejjem taghmel l-almu taghha sabiex tirranga appuntamenti meta l-konvenut ma setax jiehu lit-tfal. Pero' kienet tinduna li ma kienx jiehu gost jekk kienet titolbu jzomm lit-tfal xi gurnata izjed mill-access. Dejjem kellu xi skuza u li ma kineux ihalluh jiehu hafna *leave,* meta saret taf li kien hemm okkazjoni fejn mar tieg u ma kienx  xoghol zgur.

Kien anke ghamiliha difficli biex tmur taghmel operazzjoni u ghalkemm talbitu jiehu lit-tfal l-iskola u jigborhom u jzommhom, kemm ha ftit sieghat leave sabiex jiehu lit-tfal l-iskola u kellhom ighinuha l-genituri taghha.

L-attrici tkompli tishaq li kien hemm mumenti fejn il-konvenut kien ikkoopera maghha fuq it-tfal, imma mbaghad kien dejjem jara x'ser jivvinta jew ibiddel.

Ghamel zmien li beda jghid li kellu l-karozza bil-hsara u ghalhekk kien jippretendi li l-attrici tiehu lit-tfal meta jkunu jmisshom ghandu u terga' tigborhom. Imbaghad beda jinsisti li jalternaw u darba iggibhom hi u darb'ohra hu. Kien ovju skond l-attrici li dan kollu kien qed jivvintah sabiex jaghmel hajjet l-attrici difficli. L-istess kien ghamel meta beda jinsisti li jibda jaghmel *video calls* kuljum. Kien difficli ghall-attrici li dejjem tkun hemm biex tirrispondi fil-hin li ried il-konvenut.

Minn April, 2020, il-konvenut beda jraqqad lit-tfal mieghu irrispettivament minn dak li kienu ddecidew il-Qrati u l-attrici tghid li kienet accettat. Kien qed jibbrainwaxja lit-tfal billi jghidilhom li ghandu ghandhom il-kamra tas-sodda taghhom.

**Attitudni tat-Tfal**

Minn meta t-tfal bdew jorqdu ghand missierhom l-attitudni taghhom, partikolarment tal-minuri Kayne bdiet tinbidel. Kien jitlaq mid-dar ferhan u meta kien jirritorna lura kien ikollu t*antrum* u kien jaqbad jibki li din ma kinitx daru, izda daru kienet biss ta' missieru.

Kien beda jkollu relazzjoni hazina ma' huha u anke ma' ommu fejn qabel kien *close* taghhom hafna. Kien anke beda jigdem lil ommu waqt li jkollu *tantrum.*

Kienet anke bdiet tkellem lil wiehed ragel u ghal bidu t-tfal ma kinux isibu problema, izda mbaghad bdew jaghmlu x-xenati li ma jridux jidhlu d-dar jekk kien hemm dan ir-ragel, meta dan qatt m'ghex mal-attrici.

**Spejjez**

L-attrici pprezentat prospett tal-ispejjes minn Novembru 2020 sa Novembru 2022 li jinkludu s-sahha u l-edukazzjoni u dawn ma thallasux mill-konvenut. Kien biss f'Novembru, 2021 li beda jhallas €400 fix-xahar skond id-digriet tal-Qorti u dan l-ammont kien jinkludi fih l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha.
In kontro-ezami, l-attrici kkonfermat li llum hi tahdem ukoll part-time taghmel *make up.*

Fl-affidavit addizzjonali taghha l-attrici ssemmi li l-konvenut kien jaghmel transfer tal-flus mill-kont tieghu ghal gol-kont tal-attrici u dan hafna drabi kien sabiex thallas l-ispejjes tal-post peress li kienu qed jarmawh. Gieli minn dawn

il-flus uzat xi haga biex thallas ic-childcare tat-tifel K .[12]

2. Il-konvenut jispjega li hu u l-attrici kellhom relazzjoni ta' hames snin u ghalkemm kellhom iz-zwieg kollu ppjanat kellhom ihassruh darbtejn minhabba l-pandemija tal-Covid 19. Nel frattemp kellhom zewgt itfal u l-attrici xtaqet, li minhabba l-pandemija ihassru t-tieg u jiffokaw fuq it-tfal. Ghalkemm kellhom hafna deposits ma setax jisforza lill-attrici biex jizzewwgu.

   Jispjega li dak iz-zmien li kien f'relazzjoni mal-attrici kien jahdem bhala *aviation mechanic* ma' Ryanair u kien jaghmel erbat ijiem barra minn Malta u tlett ijiem hawn Malta. B'dan l-impjieg kellu paga tajba u ma kien ihalli l-familja nieqsa minn xejn. Kien ighati lill-attrici medja ta' €200/€300 fil-gimgha.

   Wara li infaqghet il-pandemija giet offrut impjieg fejn iktar kien ser ikun l-Inghilterra, izda rrifjutaha peress li ma riedx joqghod 'l boghod mill-familja tieghu ghal hafna zmien. Dak iz-zmien jispjega li kienu jghixu fil-fond 158, Corleone, Triq il-Lunzjata, Sta. Venera.

   Minhabba li m'accetatx l-offerta rega' mar lura jahdem mal-Lufthansa Teknik fejn il-paga kienet baxxa hafna meta kkumparata ma' dik li kellu. Biex ilahhqu bl-ispejjes kienu ddecidew li jikru l-post fejn kienu jghixu u krewha ghal sena. F'dan il-perjodu l-attrici hadmet bhala Financial Advisor ma' bank barrani u sadanittant iddecidew li jmorru jghixu sitt xhur m'ommu u sitt xhur m'ommha u bdew ighixu l-ewwel ghand omm l-attrici u dan kien ghall-habta ta'

[12] Dok. D affidavit ulterjuri tal-attrici

Settembru, 2019.

Il-konvenut ikompli jispjega li wara li ghaddew is-sitt xhur ma marrux jghixu ghand ommu, l-inkwilini ma setghux ilahhqu bil-kirja u ried imur lura jghixu fid-dar, izda l-attrici ddecidiet li riedet ittemm ir-relazzjoni mieghu peress li qaltlu li kellha bzonn issib lilha nnifsha.

Dak iz-zmien li l-attrici hassret ir-relazzjoni taghhom kellhom zewgt itfal K li kellu tlett snin u A li kellha sena. Minn dakinhar l-attrici bdiet serje ta' piki kontra l-konvenut billi tiddetta hi l-granet u hinijiet li seta' jara lit-tfal u anke rrifjutat li jkollhom *sleepovers* mieghu fid-dar fejn kienu jghixu f'Sta. Venera, u hallietu biss wara li kellu jiftah medjazzjoni l-Qorti. Jammetti li sabiex ikun jista' jara lil uliedu iktar kien anke biddel ix-xoghol tieghu biex ikun iktar flessibbli. Kien beda jahdem ma' DeLa Rue  u kien ghadu jahdem hemm sallum.

Minkejja li l-Qorti kienet iffissat il-granet u hinijiet ghall-*isleepovers* minhabba x-xiftijiet tieghu kien ikun ghajjien u spiccaw li kellhom jiftiehmu hu u l-attrici sabiex l-isleepovers isiru mill-11 am meta jkollu Rest sal-ghada fis-19 pm fil-jum meta jkun off.

Jekk it-tfal ikollhom l-iskola jispjega li jigborhom mill-iskola, jehodhom id-dar, jaghmlu l-homework u jkomplu bir-rutina tad-dar, jaghmlu l-faccendi u anke jsajjru. Izid ighid li gieli x-xift tieghu jkun ta' day night, rest off jidhlu ukoll fil-weekend u ghalhekk ikollu lit-tfal anke gieli fil-weekends.

Jinsisti li dan l-arrangjament ilu ghaddej ghal sentejn shah u jidher li qed jirnexxi.

Il-konvenut jispjega li l-Qorti kienet ordnat li ghandu jhallas €400 fix-xahar ghall-minuri, liema ammont jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-attrici mhix kuntenta b'dan l-ammont, pero' l-konvenut jinsisti li hu qed ihallas spejjes ohra ghall-ikel, ghall-iskola u kwalsiasi bzonnijiet ohra li hemm meta t-tfal jorqdu ghandu. In sostenn ta' dan ipprezenta diversi rcevuti ta' spejjes ta' ikel ghalih u ghat-tfal.[13]

Ipprezenta ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma fejn jirrizulta li jghix wahdu u gieli jkun hemm it-tfal.[14] Gieli jhallas l-ispejjes tat-tabib kemm il-darba t-tfal ikunu mieghu.[15]

Ic-childrens allowance huwa ppercepit mill-attrici. Jilmenta pero' li l-attrici tinsisti li kull darba hemm bzonn vizta medika tmur ghand tabib privat u tipprezentalu l-ircevuti. Izid ighid li mill-paga li ghandu ta' cirka €464 gross fil-gimgha li toghla b'certi allowances, inkluz danger money u shift allowance[16], l-ispejjes tat-tfal u anke l-loan fl-ammont ta' €340 fix-xahar, ighid li ma jaffordjax li dejjem ihallas il-privat, meta hemm servizzi tal-Gvern b'xejn.

**2.Ian Azzopardi Meli, Educational Psychologist** li jaghmel assessments tat-tfal u adulti ghall-kundizzjonijiet partikolari. Dwar il-minuri K jikkonferma li kien rah darbtejn u nhargu zewg rapporti, wahda f'Jannar, 2021 fejn il-partjiiet kienu prezenti. Imbaghad sar assessment iehor fil-bidu ta' Jannar, 2023 u kien hemm l-attrici prezenti.

---

[13] Dok. A anness mal-affidavit tal-konvenut
[14] Dok. B anness mal-affidvait tal-konvenut
[15] Dok. C anness mal-affidavit tal-konvenut
[16] Dok. D kuntratt ta' impjieg tal-konvenut

Jikkonferma li kien hemm kuntatt esternament mill-assessment bhal meta mar jara lill-minuri l-iskola. Minhabba li l-minuri ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD din taffettwa l-edukazzjoni tal-istess minuri ghax huwa l-iskola fejn iqatta' l-izjed hin, pero' taffettwa ukoll diversi oqsma tal-hajja.

Mill-ahhar assessjar li sar fl-2021/2022 sar certu improvement ghaliex mill-IQ test ghamel progress fuq kull aspett fejn tidhol *cognitive ability* u cioe' fuq livell ta' hsieb u edukazzjoni. Xorta ghad ghandu problemi in kwantu jirrigwarda *speech* u *language.*

Jikkonferma li s-sezzjonjiet huma privati u jithallsu mill-attrici.

3. **Yelyzaveta Shchyhel,** occuptional therapist li pprezentat rapport li sar bejn Frar u April, 2022 fejn innutat improvement fil-behaviour tal-minuri K kif ukoll fuq l-attenzjoni. B'kollox tghid li ilha tahdem mieghu ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs.

Tghid li z-zewg genituri kienu jmorru, izda l-iktar li kienet tahdem kien mal-attrici. Tikkonferma li dawn is-sezzjonijiet kienu privati u kienu jithallsu mill-attrici.

4. **Veronica Montanaro**, speech and language therapist u ilha ssegwi lill-minuri K minn Novembru, 2021. Kien taht il-kura taghha u ta' Ruth Scerri. Tispjega li l-minuri jbati *minn receptive and an expressive language disorder*. Minhabba l-eta' tieghu, iktar ma jghaddi z-zmien ix-xoghol l-iskola ser jitqal u iktar ser ikollu diffikulatjiet.

   Tghid li bdiet tissusspetta ukoll li kien ibati minn *auditing process disorder,* fejn ikollu problemi sabiex jipprocessa l-lingwa. Minhabba li dina d-

*disorder* mhix ser titjieb mil-lum ghal ghada, tirrakkomanda li tintuza sistema alternattiva ghall-literacy, u jitqieghed ghad-disposizzjoni tieghu "clicker."

Tispjega li l-minuri ghandu bzonn hafna support, bhal terapija relatat mal-ispeech u lingwa u ghajnuna fil-auditory processing, anke occuptional therapy u literacy support. Dan kollu jghinu jimmassimizza l-potenzjal tieghu.

Dan kollu gie spjegat lill-attrici u peress li s-sezzjonjiet isiru privatament tikkonferma li thallasha l-attrici.

Tikkonferma li ma kinitx iltaqghet mal-konvenut u lanqas ma kellha kunsens minghandu ghal dawn is-sezzjonjiet, Kienet l-attrici li kienet tiffissa l-appuntamenti.

Tikkonferma li kienet ghamlet rapport u kienet ghaddietu lill-attrici.

5. **Joseph Debono** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jispjega li dwar l-attrici:-

i) ghas-sena bazi 2020, year of assessment 2021 ma kellhiex obbligu li tissottometti prospett tat-taxxa ghax kienet identitifkata bhala non-filer ( i.e. ma kellux dhul minn trade, business profession or vocation). Dak iz-zmien l-attrici kellha dhul ma' Devere Partners Holding Limited ta' €25, 149 u hallset taxxa ta' €3237 permezz tal-FSS;

ii) ghas-sena bazi 2021, year of assessment 2022 ukoll kienet

identifikata bhala non-filer fejn kellha dhul mill-impjieg ta' €26, 404 mill-istess socjeta' u bhala taxxa permezz tal-FSS hallset €3551.[17]

Dwar il-konvenut ighid li :-

i) ghas-sena 2021, kellu dhul ta' €16, 392- ma' Lufthansa Tecnik Ltd u hallas €1019 taxxa;

ii) ghall-year of assessment 2022 kellu dhul mil-istess socjeta' ta' €3601 u spicca jahdem hemm, imbaghad beda jkollu dhul minn De La Rue Currency and Security Limited ta' €38, 846 izda sakemm xehed it-tax statement kien ghadu ma harigx;[18]

6. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-Employment history tal-partijiet[19]

7. **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta li pprezenta nformazzjoni dwar dokumenti ta' vetturi li huma u li kienu rregistrati fuq il-konvenut.[20]

8. **Sara Sammut**, in rapprezentanza ta' Devere and Partners Holding Ltd. Ipprezentat il-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut., memorandum, code of conduct u l-payslips tas-sena 2023, kif ukoll l-FS3's mis-sena 2012 meta beda.[21]

---

[17] Dok. JD 1
[18] Dok. JD 2
[19] Dok. LB 1- LB 2
[20] Doks. SC1- SC 2
[21]

9. **Johanna Bartolo** in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet jirrizultaw is-segwenti kontjiet bankarji f'isem l-attrici:-

i) Savings account 40020256069 liema kont ghadu miftuh;[22]
ii) Savings account 40020256535 liema kont gahdu miftuh;[23]
iii) Motor loan 40021098637 llum maghluq;[24]
iv) Current account 40024536057 liema kont ghadu miftuh;[25]
v) Loan 40024567220 liema kont ghadu miftuh;[26]
vi) Loan 40025525601 liema kont maghluq.[27]

Jirrizulta li f'isem il-konvenut kien hemm l-imsemmija kontijjiet bankarji:-

i) Savings account 40015392970 liema kont ghadu miftuh;[28]
ii) House loan 40022674762 liema kont ghadu miftuh;[29]
iii) House loan 40022674788 liema kont ghadu miftuh;[30]
iv) Foreign currency account fi sterling 40023245323 liema kont ghadu miftuh;[31]
v) Savings account 40023401060 liema kont ghadu miftuh;[32]
vi) Motor loan 40023483486 liema kont inghalaq;[33]
vii) Savings account 40023894428 liema kont ghadu miftuh.[34]

[22] Doks JB 1
[23] Dok. JB 2
[24] Dok. JB 3
[25] Dok JB 4
[26] Dok. JB 5
[27] Dok. JB 6
[28] Dok. JB 7
[29] Dok. JB 8
[30] #Dok. JB 9
[31] Dok. JB 10
[32] Dok. JB 11
[33] Dok. JB 12
[34] Dok. JB 13

Irrizulta *credit card* wiehed f'isem l-attrici liema kont inghalaq minhabba li rrizulta "lost" izda hemm *credit card* ohra.[35] F'isem il-konvenut ghad hemm *credit card* f'ismu li ghadu validu.[36]

Jirrizulta ukoll li kien hemm insurance life policy mixtrija mill-Bank of Valletta plc bhala agent tal-MSV Life f'isem il-konvenut, li hija loan protection plan b'policy number 30023669.

F'isem l-attrici jirrizultaw shares mixtrijin taht il-VFM referenza 183876.

8.**Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta rendikont tal-beneficcji li jircievu l-partijiet.[37]

9.**M F** , omm l-attrici tispjega kif il-partijet iddecidew li jizzewwgu wara li kellhom it-tifla A . Sakemm kienu qed jippreparaw ghat-tieg l-attrici kienet tikkonsulta mal-konvenut. Kellhom piz finanzjarju u kienet tinhass, sahansitra kienu sellfu flus minghand iz-zija tal-konvenut u kienu jhallsuha lura.

Omm l-attrici tispjega li fejn setghu dejjem ghenu lill-attrici bit-tfal, specjalment minhabba l-fatt li ghalkemm kellhom it-tfal, il-konvenut baqa' jahdem barra minn Malta, izda l-attrici kienet tissapportjah.

Kienet anke ghenitu billi tatu €10,000 biex xtraw l-ghamara minn Sqallija biex jarmaw il-post tal-konvenut, fejn kellhom pjanijiet imorru joqoghdu. Kienu anke jzommu lill-attrici torqod ghandha ftit wara li welldet lil A peress li K kien ghad ghandu sentejn u l-konvenut kien ikun imsiefer u dan sabiex ighinuha bit-tfal.

[35] Dok. JB 14
[36] Dok. JB 15 A u JB 15 B
[37] Dok. ST 1 u ST 2

Peress li l-konvenut kien jippreferi joqghod go daru kienet tinqasam bejn iz-zewgt idjar.

Wara li welldet lil  A, l-attrici dejjem baqghet tahdem u tigbor jew twassal lit-tfal, u tlahhaq mal-faccendi tad-dar, izda kienet qed issibha difficli biex tlahhaq u fil-fatt dan kien zmien difficli ghaliha, Kienet hegget lill-attrici sabiex tiftah qalbha mal-konvenut.

Omm l-attrici tishaq li maz-zmien irrealizzaw li t-tifel K  kellu xi problemi u ghalhekk kienet iktar tghin lill-attrici sabiex tlahhaq mat-tifla minuri A  ukoll. Kien jidher car li l-partijiet kellhom ideat differenti kif irabbu lit-tfal u meta darba l-attrici kienet qaltilha biex tghin il-konvenut bit-tifla peress li kienet qed taghmel xenata, il-konvenut insista maghha li m'ghandhiex tqajjem lit-tifla mill-kot taghha.

Maz-zmien, l-attrici bdiet isibha iktar difficli sabiex tlahhaq mat-tfal u ma bdietx issib lill-konvenut biex ighinha sakemm dan wassal ghas-separazzjoni taghhom. Il-konvenut beda jallega l-attrici hija *bipolar* jew kellha *post-natal depression* u li kienet ommha li kienet qed trabbi lil uliedhom. Ommha tinnega li l-attrici kellha xi forma ta' dipressjoni, izda kull ma xtaqet kienet ghajnuna minghand il-konvenut biex irabbi lit-tfal.

Wara li l-partijiet infirdu, kienu accettaw fuq talba tal-attrici, li l-konvenut imur ghandhom sabiex ighaddi ftit hin mat-tfal. L-attrici ma kinitx accettat l-*isleepovers* ghall-bidu u dan peress li t-tfal kienu ghadhom zghar u jkunu jridu lil ommhom, Inoltre, it-tifla minuri kien qed ikollha problemi sabiex tidra lill-missierha. Il-konvenut donnu kien deciz li jraqqad lit-tfal mieghu u fil-fatt kien xtara l-kmamar tas-sodda u l-attrici spiccat li kellha taccetta din id-decizjoni. Minn hawn l-attrici kellha l-ewwel *panic attack*.

Il-konvenut ma bediex jaccetta li t-tifel gie djanjoizzat bl-ADHD u li wahhal fl-attrici li qed igennu hi. Tghid li l-attrici kienet tiddejjaq hafna peress li kienet tgharaf lill-konvenut bl-appuntamenti ghall-minuri K u ma kienx jattendi, lanqas kien jemmen li ghandu bzonn certi terapiji, filwaqt li l-attrici kienet isegwi dak li kienu jghidulha l-professjonisti. Lanqas ma kien jikkontribwixxi lejn l-finanzi ta' dawn it-terapiji.

Omm l-attrici tkompli tishaq li l-konvenut lanqas ma jikkoopera maghha biex izomm it-tfal fil-granet tieghu. Gieli javzaha li ma jistax izommhom jew sahanistra kienu ddecidew l-access waqt il-vakanzi tal-Milied u ddecida li ma jridx jaqbel maghhom u jkomplu jimxu skond l-iskeda tax-xoghol tieghu. L-iktar li kienet tinkwieta l-attrici kien minhabba l-fatt li jekk ma kienx hemm il-genituri taghha ma kinitx taf ghand min iddur u jekk kienet idur ghandhom ghall-ghajnuna l-konvenut kien ighajjarhom.

Omm l-attrici tkompli tispjega li l-attrici tiehu qatgha meta t-tfal ikunu ma jifilhux u dan minhabba li l-konvenut jaghmel storbju shih ghax ikun iridhom fi zmien l-access tieghu, jifilhu jew ma jifilhux. Problema ohra kienet li kienu jkunu mieghu u meta juruh li ma jifilhux lanqas kien jiddenja ruhu jehodhom ghand it-tabib, izda llum tghid li s-sitwazzjoni qalbet ghall-ahjar.

Tghid ukoll li l-attrici ammettiet maghha li peress li kien importanti ghal K li jzomm rutina minhabba l-kundizzjoni tieghu, il-konvenut kien qed jehodhom jorqdu fid-dar tas-siehbha tieghu u dan meta l-konvenut ghandu d-dar tieghu u kien ighid lit-tfal li dina d-dar taghhom.

Kienet tilmenta maghha ukoll li l-konvenut kien jinsisti li jiehdu decizjonijiet in kwantu jirrigwarda t-tfal, izda mbaghad meta kien jaqbillu kien jiehu decizjonijiet wahdu.

L-attrici hija omm dedikata u jekk ma tkunx xoghol tiddedika l-hin kollu taghha ghat-tfal u lanqas tohrog jekk mhix xi tieg jew xi party jew xi haga relatata max-xoghol.

## Konsiderazzjonijiet

## Kura u Kustodja

Kemm il-darba dina l-Qorti rriteniet li fid-decizjonijiet taghha dwar il-kura u kustodja tal-minuri se dejjem thares li fic-cirkostanzi x'inhu tal-aqwa vantagg u dak li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[38] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa***l".

[38] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[39] intqal: "***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."***

Il-konvenut qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja kongunta tal-minuri K u A u li jkunu co-partecipi fid-decizjonijiet li jirrigwardaw l-istess minuri.

L-attrici da parti taghha mhux qed topponi in kwantu li jkun hemm kura u kustodja kongunta. L-unika kontestazzjoni taghha hija dwar decizjonjiet kemm ordinarji u straordinarji rigwardanti t-trobbija, sahha u edukazzjoni tat-tfal u dan minhabba li kemm il-darba sabet diversi intoppi da parti tal-konvenut, partikolarment in kwantu jirrigwarda s-sahha tal-minuri. L-attrici nsistiet li l-konvenut kien beda jaghti kaz li jiehu lit-tfal ghand tabib meta fethet il-proceduri ta' medjazzjoni, ghaliex qabel dan iz-zmien ma kienx jaghti kaz, bhal meta gabilha t-tifla lura d-dar u rrizulta li kellha l-*hand, foot and mouth disease.*

Minn dejjem kien hemm dizgwid bejn il-partijiet in kwantu jirrigwarda s-sezzjonijiet ta' terapija li jkollu bzonn il-minuri K u dan minhabba li l-konvenut minn dejjem jikkontesta li l-attrici m'ghandhiex taghmel uzu minn professjonisti

---

[39] . ***Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

privati, izda ghandha taghmel uzu mis-servizzi offruti mill-Gvern peress li dawn huma b'xejn.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li kien hemm zmien tal-Covid fejn il-konvenut kellu jsib impjieg iehor u bi qbil mal-attrici ghazel li jsib impjieg hawn Malta, filwaqt li jirrinunzja ghall-impjieg barra minn malta b'paga ahjar, bl-ghan li jkun jista' jkun iktar prezenti u jghinha fit-trobbija ta' zewgt ulied zghar bil-bzonnijiet taghhom.

L-attrici pprezentat diversi provi sabiex turi li kien hemm cirkustanzi fejn il-missier wera certu irresponsabbilita' fil-konfront tas-sahha tal-minuri. In partikolari dwar K li jirrizulta li ghandu bzonn hafna ghajnuna. Il-konvenut donnu baqa' "in denial" u l-atteggjament tieghu kien li l-affarijiet jittrangaw ghax kien tifel u normali li jkollu problemi ma' shabu. L-istess atteggjament hadu meta nqalghet kwistjoni bejn il-minuri K u shabu l-iskola u anke meta kulhadd warrbu meta attenda party ta' wahda tifla fil-klassi tieghu. Ghalkemm l-attrici kienet imbikkma tara dan il-komportament ta' shab il-minuri u jizolawh, il-konvenut kien rilassjat li kienet haga normali u ma tantx offrilha support.

Effettivament, it-tifel minuri ghandu problemi. Kien segwit mill-Educational Psyhcologist Ian Azzopardi Meli. Kien ghamel zewg rapporti fuq il-minuri f'Jannar, 2021 u fil-bidu ta' Jannar, 2023 minhabba assessjar tal-ADHD. Ikkonstata li ghalkemm mill-ewwel assessjar kien hemm ADHD, izda kien rah improvement fil-minuri, kien ghad ghandu problemi ta' *speech* u lingwa.

Veronica Montanaro, speech and language therapist u ilha ssegwi lill-minuri K minn Novembru, 2021 spjegat li l-minuri jbati minn *receptive and an expressive language disorder*. Minhabba l-eta' tieghu, iktar ma jghaddi z-zmien ix-xoghol l-iskola ser jitqal u iktar ser ikollu diffikulatjiet.

Bdiet tissusspetta ukoll li kien ibati minn *auditing process disorder*, fejn ikollu problemi sabiex jipprocessa l-lingwa. Tispjega li l-minuri ghandu bzonn hafna support, bhal terapija relatat mal-ispeech u lingwa u ghajnuna fil-auditory processing, anke occuptional therapy u literacy support.

Tivona Vella Abdilla Play Therapist kienet tat ir-rakkomandazzjonijiet taghha li kien importanti li tinzamm rutina ghall-minuri u jkun hemm inoltre "visual schedule" sabiex jipprepara ruhu ghall-iskeda ta' kuljum. Fl-ewwel rapport taghha kienet irrakkomandant li ma jkunx hemm *sleepovers*, izda wara li tkellmet mal-konvenut, kienet ziedet addendum mar-rapport taghha fil-31 ta' Jannar, 2021, fejn irrakkomandat li "***Prior to any major changes in his routine, it is suggested that K's needs are identified, and the right interventions are put into place to support these changes."***[40]

L-attrici insistiet li l-kwistjoni ta' *sleepovers,* dejjem kien "bone of contention" bejn il-partijiet u dan peress li kienet tinnegalu l-istess *sleepovers* peress li t-tifla A  kienet biss ghad ghandha sentejn, pero' qatt ma kellha l-intenzjoni li ccahhdu minnhom fil-futur, Reidet tikkonferma li bejn it-tifla u missierha, ir-relazzjoni tjiebet u ma kinitx thalliha hemm tibki.

Madanakollu, jirrizulta li in segwitu ghad-digriet mahurg mil-Qorti inghatalu d-dritt ta' *sleepovers* u donnu l-partijiet sabu sistema li tahdem ghalihom.

Fuq l-edukazzjoni, jidher li ghal bidu kien hemm xi intoppi minhabba li s-sistema ta' Teams ma kinitx qed tahdem ghall-konvenut, izda dina tidher li giet issorvolata ukoll peress li llum ghandu passport u jaccedi ghas-sistema

[40] Dok. CN 1

individwalment mill-attrici. Jirrizulta li kien hemm xi problemi rigward l-online meetings bhal Parents' Day fejn iz-zewg genituri ma jistghux jaccedu mill-istess Teams, izda dina l-kwistjoni tirrizulta solvuta ukoll peress li jinghata appuntamenti separati mill-iskola.

Ghalhekk, dwar id-decizjonjiet ta' sahha u edukazzjoni, dina l-Qorti ma thossx li ghandha tillimitahom biss lill-attrici, u di piu' ma jaghmilx sens li tordna li certu decizjonijiet jittiehdu konguntivament u ohrajn le. Huwa minnu li decizjonijiet rigward is-sahha u l-edukazzjoni huma ta' importanza kbira, partikolarment fil-kaz ta' K . Jehtieg li l-genituri jkunu maghqudin f'dawn id-decizjonijiet peress li hemm bzonn ta' hafna kooperazzjoni bejniehtom, kif ukoll mal-edukaturi nvoluti. In kwantu jirrigwarda decizjonijiet ordinarji rigward is-sahha bhal rih jew virus ma tarax ghalfejn il-partijiet ghandhom jiehdu l-isbriga biex joqoghdu jitolbu kunsens ta' xulxin biex jikkuraw lill-minuri, pero' dina l-Qorti tinsisti li in kwantu jirrigwarda l-problemi tal-minuri dawn ghandhom jinghataw priorita' u jehtieg li jkun hemm kooperazzjoni f'kull sens u l-iktar li qed tindirizza huwa l-konvenut, li ma jistax jaqbad u jixhet kollox fuq l-attrici, sabiex ma joqoghdx imur ghand tabib u jbati l-ispejjez hu. Jekk irid ikollu l-kura u kustodja kongunta, l-istess ghandu jerfa' r-responsabbilita' daqs l-attrici li dejjem poggiet l-interessi ta' uliedha l-ewwel u qabel kollox.

Inoltre, dina l-Qorti thoss li kien hemm wisq passivita' da parti tal-konvenut inkwantu jirrigwarda l-problemi tal-minuri u ma jistax iqishom b'mod legger. Forsi l-attrici hija iktar iffukkati fuq l-izvilupp u t-terapiji tal-minuri, pero' fl-ahhar mill-ahhar dawn huma necessita' f'hajjitu u kif accenna Ian Azzopardi Meli, fil-kapacita' tieghu bhala Educational Psychologist, huwa mehtieg li tigi offruta t-terapija kollha li jehtieg ikollu l-minuri peress li l-maggorparti tal-hin tieghu iqattghu l-iskola. Kif ukoll issottolinejat Veronica Montanaro, iktar ma jghaddi z-zmien iktar ser ikun hemm problemi.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti taqbel mal-attrici li sa fejn huwa possibbli K  jigi segwit minn professjonisti b'mod privat u dawn l-ispejjes ghandhom jinqasmu bejniethom kif ser jigi spjegat iktar '1 quddiem.  Dan certament huwa fl-ahjar interess tal-minuri u dina l-Qorti ma tarax ghalfejn il-minuri ghandu jithalla jistenna appuntamenti 'l boghod sabiex jigu utilizzati servizzi tal-Gvern li huma b'xejn u li generalment jinzammu fil-hinjiet tal-iskola. Fl-ahhar mill-ahhar il-genituri jahdmu, il-pagi mhumiex hziena, u jistghu facilment ihallsu fejn hemm l-interessi tal-minuri kkoncernati.

**<u>Access</u>**

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2021, jirrizulta li l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut ghandu jezercita l-access kull meta jkun rest u *off* jigborhom mill-iskola jew jekk ma jkunux skola fl-10. 00 am mid-dar tal-omm u jzommhom sal-ghada, fejn imbaghad ghandu jwassalhom l-iskola u jekk ma jkunux skola iwassalhom lura ghand ommhom fis-6.00 pm. Dan il-ftehim kellu jibqa' in vigore sakemm il-konvenut kien qed jahdem day, night, rest, off.[41]

Jirrizulta li l-konvenut kien dak iz-zmien u ghadu sallum jahdem ma' De La Rue u ghaldaqstant ma tressqux provi li hemm xi tibdil fix-xiftijiet tieghu.

Ghalkemm fil-maggorparti l-partijiet donnhom adattaw ghal dina s-sistema, kien hemm xi ntoppi billi l-konvenut dejjem jonera l-access, pero' hemm nuqqas ta' flessibilita' da parti tal-konvenut Meta l-attrici titolbu sabiex ibiddel xi gurnata jew jiehu xi *leave,* jinsisti li difficli ghalih li jinghata l-*leave*. Jekk Mothers' Day

[41] Vide l-atti tal-medjazzjoni

jew il-festi jinzertaw fil-granet *off* tieghu mhux dispost li jcedi lill-attrici, meta l-attrici donnha hija iktar flessibbli f'dan ir-rigward.

Il-konvenut ma jistax jippretendi li kollox idur favurih u fejn jaqbillu jikkoopera u fejn ma jaqbillux ma jikkooperax qisu pinnur. Ghandu jinghad li anke l-attrici tahdem u gieli jinqalghu xi intoppi fejn ikollha tidhol. xoghol, jew il-genituri taghha ma jkunux disponibbli biex ighinu. Fuq kollox ghandu jiftakar li t-tfal ghadhom zghar u ghandhom bzonn lil xi hadd maghhom u ma tistax dejjem tisagrifika kollox l-attrici. Kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut kien qalilha li kien xoghol, imbaghad saret taf li kien tieg. Minkejja li dan *detto del detto*, il-konvenut ammetta li kien tieg u dan jirrizulta meta sar il-kontro-ezami tal-attrici fejn gie mistoqsi lilha li l-attendenza tat-tieg kienet okkazzjoni wahda.

L-attrici accennat ukoll ghall-fatt li l-*birthdays* tat-tfal insertaw jigu ccelebrati fit-23 ta' Dicembru u l-1 ta' Jannar, rispettivament dawn jahtbu fil-vakanzi nataliziji u ghandu jkun hemm access ghaz-zewg genituri b'mod ekwu u gust.

Inqalghu ntoppi ohra ukoll, fejn il-konvenut qed jinsisti li jalternaw it-twassil u l-gbir tal-minuri u dan wara li kellu hsara fil-karozza u mbaghad hareg bil-pretiza li ghandhom jalternaw. Minkejja li l-attrici accettat dan ukoll, ghal darb' ohra l-konvenut qed jippretendi li l-attrici toqghod ghal dak li jrid hu.

Il-Qorti tissolecita lill-konvenut li ghalkemm se tikkonferma l-access kif jirrizulta li qed jigi ezercitat illum, ghandu jkun flessibbli u jikkoopera mal-attrici. B'dana li jekk xi wiehed mill-partjiet ghandu bzonn ibiddel il-hinijiet u l-granet ta' access, ghandu jkun hemm tal-anqas 24 siegha pre-avviz u kull parti ghandha takkomoda lil iehor sabiex izommu lill-minuri.

Inoltre, jekk wiehed mit-tfal ma jiflahx ghandu jibqa' mal-genitur fejn ikun qieghed u ma jigix ezercitat access sakemm il-minuri jkun ahjar.

In kwantu jirrigwarda l-*Fathers' Day* u *Mothers' Day* jew l-birthdays tal-genituri rispettivi, il-minuri ghandhom iqattghu l-gurnata, jew jekk jattendu l-iskola (eskluz Fathers' Day u Mothers' Day peress li dawn dejjem jigu ccelebrati l-Hadd), l-hin ta' wara l-iskola mal-genitur li qed jiccelebra wahda minn dawn il-granet.

In kwantu jirrigwarda l-*birthdays* taz-zewgt itfal minuri peress li nsertaw jaqghu fil-festi tal-Milied jekk it-tfal imisshom jorqdu ghand il-konvenut il-gurnata ta' qabel, iqattghu filghodu sal-12.30 pm mieghu, filwaqt iqattghu l-bqija tal-gurnata mal-attrici u jekk ikunu ghand ommhom fil-gurnata ta' gheluq sninhom ghandhom ighaddu filghodu mal-omm sas-12.30 pm u l-konvenut ikollu access bejn 12.30 pm sas-6.00 pm.

Inoltre dwar il-festi tal-Milied u l-Ghid dawn ghandhom jalternaw bejn il-partijiet, bl-ewwel Milied wara dina s-sentenza, ghandu jigi ccelebrat mal-attrici. Il-Qorti mhix qed tikkunsidra l-Ewwel tas-sena f'dan il-kaz minhabba li l-minuri A ticcelebra gheluq sninha f'din il-gurnata u japplikaw dak li gie deciz iktar 'l fuq.

L-istess ghandu japplika ghall-festi pubblici fejn ghandhom jalternaw bejniethom, Dwar il-karnival ghandhom jibqghu japplikaw u joperaw il-granet u hinjiet skond l-access fuq spjegat.

Ghaldaqstant, salv dak li gie deciz tikkonferma li l-access ghandu jigi ezercitat skond id-digriet tat-13 ta' Mejju, 2021 b'dan biss li jvarjaw il-hinjiet minflok fl10

am l-access jibda fil-11 am u jispicca fis- 7 pm minflok fis-6 pm, kif qed isir presentment wara arrangjament bejn il-partijiet.

**Manteniment**

Fid-digriet taghha tal-1 ta' Novembru, 2021, il-Qorti ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta' €400 fix-xahar ghaz-zewg minuri, liema somma ghandha tinkudi fiha l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.[42]

Il-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-ammont ta' manteniment ghaliex filwaqt li l-konvenut qed jitlob konferma tad-digriet ta' dina l-Qorti tal-1 ta' Novembru, 2021, filwaqt li l-attrici qed topponi ghal dan u tinsisti li ghandu jkun hemm awment fl-ammont ta' alimenti. Kien biss wara li hareg dan id-digriet li l-konvenut skond l-attrici li beda jhallas il-manteniment regolarment.

Prezentement il-partijiet it-tnejn jahdmu u ghandhom paga tajba. Addirittura l-attrici tghid li tahdem part-time billi taghmel il-make up u fil-fatt il-konvenut esebixxa diversi ritratti mehudin mill-Facebook page taghha minn fejn jirrizulta li hi toffri dan is-servizz. Tahdem ukoll *full-time* bhala *administrator* ma' Devere and Partners Holding Ltd. fejn sas-sena 2022 l-FS3 kien jindika li l-introjtu tal-attrici kien jammonta ghal €28,233 gross.[43] L-attrici ghandu ukoll xi dejn thallas konsistenti f'sehemha tal-loan li hadet sabiex thallas sehemha mill-ghamara li xtraw ghall-post fejn kienu ppjanaw li kienu ser imorru joqoghdu. Kien hemm ukoll id-depoziti li thallsu ghat-tieg, izda ghal dawn l-ispejjez l-attrici kienet ippostjat fuq Facebook sabiex tipprova tbiegh id-depoziti kollha u l-konvenut m'ghandux hjiel jekk haditx lura dawn l-ammonti. Kien hemm ukoll self li hadu li fuqu kien ghad hemm bilanc u li kienu qed jithallsu mill-konvenut.

[42] A fol. 13
[43] A fol. 332

Da parti tieghu l-konvenut jahdem ma' De La Rue u bhala paga jircievi basic pay ta' €1,545.03.[44] F'sena l-paga tieghu hija ta cirka €28,000 gross. Izid ighid li apparti l-manteniment tal-minuri ghandu diversi spejjez kull xahar li jikkalkola jammontaw ghal cirka €1,193.33.[45]

In vista tal-fatt li l-mezzi tal-attrici huma ftit izjed minn tal-konvenut u tenut kont tal-fatt li l-kura u kustodja hija wahda kongunta u l-minuri jkunu ma' missierhom bejn tlieta u erbgha darbiet fil-gimgha, u addiritura hemm anke sleepover, thoss li ghandha zzomm mad-digriet taghha tal-21 ta' Novembru, 2021 stante li kull genitur ghandu jmantni lill-minuri ghall-bzonnijiet bazici meta jkunu fil-kura u kustodja taghhom. Ghalhekk il-manteniment qed jigi kkonfermat hekk kif deciz fid-digriet fl-atti tal-medjazzjoni, b'dana illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, kif ser jinghad aktar 'l isfel.

Il-Qorti tirrileva ukoll li kull genitur ghandu jixtri l-hwejjeg stagjonali ghall-minuri u jzommhom ghandu, kif ukoll ghandhom jixtru tal-anqas set tal-uniformijiet kull wiehed.

Ammont sostanzjali jmorru ghat-terapija tal-minuri K , precisament fuq *speech u occupational therapy* li kif diga' accennat dina l-Qorti, hija tal-opinjoni li dawn ma jieqfux u jibqghu jsiru privatament u iktar u iktar biex ikun hemm kontinwazzjoni ghall-minuri li ilu jigi segwit minn dawn il-professjonisti. Dawn l-ispejjez huma mhux bzonnjuzi ghall-minuri izda necessita'.

Ma' dawn dejjem hemm l-ispejjez edukattivi ta' kull sena skolastika. Fir-rikors taghha tal-4 ta' Ottubru, 2021 fejn l-attrici kienet qed titlob li jigi ffisssat il-

---

[44] Dok B fl-atti tal-medjazzjoni.

[45] Dokument E anness mar-risposta tal-konvenut fl-istess atti ta' medjazzjoni

manteniment kienet iddikjarat li bejn l-4 ta' Novembru, 2020 sal-24 ta' Settembru, 2021 l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha kienu jammontaw ghal €865.45 u dak iz-zmien it-tifla A kienet ghadha ma bdietx l-iskola u ghalhekk illum l-ispejjez zdiedu zgur.

Ghalhekk dwar l-ispejjez edukattivi u tas-sahha dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet. Jirrizulta ukoll li bhala beneficcji socjali l-partijiet jircievi c-childrens allowance u tenut kont tal-fatt li hemm diversi spejjez tat-terapija, dina l-Qorti tordna li dan ic-childrens allowance ghandu jigi ppercepit mill-attrici, izda ghandha tiftah kont fejn l-istess allowance ghandu jigi depositat u l-istess flus ghandhom jintuzaw sabiex ikopru parti mill-kura medika tal-minuri K . Ta' dan ghandha turi prova lill-konvenut.

Kwalsiasi spejjez ohra, inkluzi dawk extra-kurrikulari, hrug ta' passaporti ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Il-Qorti tissollecita liz-zewg partijiet jfittxu li jiehdu hsieb l-interessi tat-tfal, u ma jintilfux f'piki inutilment.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1.Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici in parte u tikkonferma li l-manteniment li ghandu jithallas huwa dak kif deciz fl-intestatura "Manteniment" kif imfisser iktar 'l fuq.

2.Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna li r-residenza tal-minuri tkun dik tal-attrici, filwaqt li tordna li l-access jigi ezercitat kif deciz fl-intestatura “Access.”

**Kontro-talba**

1.Tilqa’ l-ewwel u t-tieni kontro-talba u tafda l-kura u kustodja konguntivament lill-partijiet.

2. Tilqa’ t-tielet kontro-talba attrici u tordna li kwalsiasi decizjoni kif deciza fl-intestatura “Kura u Kustodja” kif fuq imfisser tittiehed mill-partijiet konguntivament.

3. Tichad ir-raba’ kontro-talba in parte stante li tiddikjara li r-residenza ordinarja tal-minuri tkun dik tal-attrici, filwaqt li in kwantu ghall-access tilqa’ ukoll il-hames kontro-talba u tikkonferma dak li gie deciz fl-intestatura “Access” kif fuq imfisser.

4.Tilqa’ s-sitt kontro-talba fil-limiti ta’ dak li gie deciz fl-intestatura “Manteniment” kif fuq imfisser, b’dana li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha jibqghu jithallsu sakemm it-tfal minuri jibdew jahdmu, jew sakemm jaghlqu tmintax-il sena jew sal-eta’ ta’ 23 sena jekk it-tfal jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time*.

Dwar il-minuri K , in vizta tal-problemi tieghu, jekk ikun il-kaz il-partijiet ghandhom ikomplu jikkontribwixxu ghall-manteniment tal-istess minuri sakemm ikun jista’ jkun kapaci li jahdem u jaqla’ paga.

5.Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina s-seba' kontro-talba in vizta tal-fatt ta' dak li gie deciz fl-intestatura "Manteniment."

6.Tilqa' t-tmien kontro-talba u tordna li c-childrens allowance jigi ppercepit u utilizzat kif fuq gie deciz fl-intestatura "Manteniment."

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**